**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 4/2021 BS**

**MG**

**-vs-**

**DCG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' MG illi ppremetta:**

ILLI l-partijiet iżżewġu nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu 2002 fil-paroċċa ta' Easthampstead fil-lokalità ta' Bracknell Forest, Ingilterra skont ma jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u markat bħala **Dokument A**;

ILLI għalkemm il-partijiet resqu għall-kuntratt ta' separazzjoni li ġie pubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fl-għoxrin (20) ta' Marzu 2019 (kopja annessa u markata bħala

**Dokument B**), huma kienu ilhom separati *de facto* minn ma' xulxin għal kważi tliet (3) snin qabel ma sar il-kuntratt ta' separazzjoni;

ILLI m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni ta' bejniethom stante illi t-tentattivi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet fallew u llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. L-esponenti llum qiegħed f'relazzjoni stabbli oħra;

ILLI l-kopjja ma kellhom ulied u għalhekk ma kienx hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejniethom li jikkonċernaw l-ulied minuri li kellhom jiġu regolati. Dan hekk kif jikkonferma l-istess kuntratt ta' separazzjoni;

ILLI l-esponenti qiegħed jippreżenta dan ir-rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li llum huwa għandu l-permess ta' residenza maħruġ mill-Awtoritajiet Maltin bir-riferenza numru MT 9025 448 (**Dokument C**) u għalhekk illum il-ġurnata huwa domiċiljat Malta;

ILLI l-fatti ta' dan ir-rikors qegħdin jiġu konfermati bil-ġurament mir-rikorrent fit-traduzzjoni Ingliża ta' dan ir-rikors.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

(2) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għawdex u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta bid-divorzju tal-partijet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku Għawdex jew Malta. Dan fl-eventwalità li ż-żwieġ ta' bejn il-partjiet ikun ġie reġistrat Malta f'xi wieħed minn dawn ir-Reġistri.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejnu bejn is-sieħba tiegħu.

Bil-ġurament tiegħu fir-rikors imsemmi l-attur jikkonferma illi s-separazzjoni bejn il-partijiet ġiet konkluża permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li jġib id-data 20 ta' Marzu, 2019. Jafferma illi il-partijiet kienu ilhom *de facto* separati għal tliet snin qabel ma ġie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni. Jgħid ukoll li llum ma jeżisti l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni. Lanqas ma jinsorġu problemi ta' mantenimenti billi ma kienx hemm ulied.

Il-Qorti tinnota li l-konvenuta ġiet notifikata bl-atti permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni fil-25 ta' Novembru, 2021. Rat ukoll li ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta da parti tal-konvenuta. Tinnota wkoll li l-konvenuta lanqas ma wriet interess f'dawn il-proċeduri u ma attendiet għal ebda seduta.

Qieset ukoll l-affidavit tal-attur.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hija l-fehma ta din il-Qorti li l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur